

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1503**tat-8 ta' Ottubru 2018****li tistabbilixxi miżuri biex l-*Aromia bungii* (Faldermann) ma jiddaħħalx fl-Unjoni u ma jinxteridx fiha**

(notifikata bid-dokument C(2018) 6447)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità ⁽¹⁾, u b'mod partikolari t-tielet sentenza tal-Artikolu 16(3) tagħha,

Billi:

- (1) *Aromia bungii* (Faldermann) ("l-organiżmu speċifikat") mhuwiex elenkat fl-Anness I jew l-Anness II għad-Direttiva 2000/29/KE.
- (2) Madankollu, reċentement kien hemm tifqigħat ta' dan l-organiżmu għall-ewwel darba fl-Italja u fil-Ġermanja. Dan l-organiżmu għandu impatt ekonomiku, ambjentali jew soċjali inaċċettabbli fit-territorju tal-Unjoni. Għalhekk, l-introduzzjoni u l-preżenza tiegħu fl-Unjoni għandhom ikunu pprojbiti u jiġu evitati. Għal dan il-għan għandhom jiġu adottati miżuri speċifiċi.
- (3) Fl-2014, l-Organizzazzjoni Ewropea u Mediterranja għall-Protezzjoni tal-Pjanti (OEPP) adottat rapport dwar Analiżi tar-Riskju Fitosanitarju għall-organiżmu speċifikat ⁽²⁾. Dan ir-rapport identifika bħala perkorsi possibbli għall-introduzzjoni tal-organiżmu speċifikat kwalunkwe prodott tal-injam jew magħmul mill-injam tal-ispeċi *Prunus*, li huwa kbir biżżejjed biex isostni ċ-ċiklu tal-ħajja tal-pest għall-emerġenza adulta u li ma kienx soġġett għal trattament biex joqtol il-pest speċifikat. Għalhekk huwa xieraq li jiġu stabbiliti miżuri speċifiċi għall-introduzzjoni fl-Unjoni u ċ-ċaqliq fi ħdanha ta' pjanti għat-tħawwil li għandhom zokk jew għonq tal-għerq b'dijametru ta' 1 cm jew aktar fl-eħxen punt tagħhom, għajr iż-żrieragħ, ta' *Prunus* spp. ("pjanti speċifikati"). Dawn il-miżuri għandhom japplikaw ukoll għall-injam skont it-tifsira tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2000/29/KE ("injam speċifikat") u materjal tal-injam għall-imballaġġ, fejn dan ikun inkiseb kompletament jew parzjalment minn *Prunus* spp. ("materjal tal-injam speċifikat għall-imballaġġ").
- (4) Fil-każ ta' tifqigħa tal-organiżmu speċifikat fit-territorju tal-Unjoni, għandha tiġi demarkata żona madwar il-punt ta' dik it-tifqigħa, sabiex f'dik iż-żona jkun jistgħu jiġu adottati miżuri ta' eradikazzjoni effettivi.
- (5) Huwa xieraq li jitqies l-impatt ekonomiku u ambjentali tal-qerda tal-pjanta. Għalhekk, taħt ċerti kundizzjonijiet, l-istabbiliment ta' żona demarkata ma għandux ikun meħtieġ jekk l-organiżmu speċifikat ikun jista' jiġi eliminat mill-pjanti fejn dan ikun instab preżenti u jkun jista' jiġi aċċertat li l-organiżmu speċifikat ma jistax jiġi stabbilit.
- (6) F'ċirkostanzi speċifikati, l-Istati Membri għandu jkollhom il-possibbiltà li jiddeċiedu li ma jstabbilixxux żoni demarkati u li jillimitaw il-miżuri għall-qerda tal-pjanti infestati jew materjal tal-prodotti tal-pjanti, peress li dan ikun proporzjonali għar-riskju fitosanitarju rispettiv.
- (7) Il-pjanti speċifikati u l-injam speċifikat, li tkabbru jew li kienu għall-inqas għal parti mill-ħajja tagħhom f'żona demarkata jew li tmexxew minn tali żona, jew il-materjal tal-injam speċifikat għall-imballaġġ li joriġina f'żoni demarkati, huma aktar probabbli li jkun infestati bl-organiżmu speċifikat. Għalhekk iċ-ċaqliq ta' dawk il-pjanti, l-injam u l-materjal tal-injam għall-imballaġġ għandu jkun soġġett għal rekwiżiti speċifiċi, sabiex jiġi evitat it-tixrid ulterjuri tal-organiżmu speċifikat.
- (8) Sabiex jiġi żgurat monitoraġġ mill-qrib taċ-ċaqliq ta' pjanti għat-tħawwil li joriġinaw f'żoni demarkati, u sabiex ikun hemm għarfien effettiv tas-siti fejn ir-riskju fitosanitarju minħabba l-organiżmu speċifikat hu għoli, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandu jkollhom aċċess għal informazzjoni dwar siti ta' produzzjoni li jinsabu f'żoni demarkati.

⁽¹⁾ ĠUL 169, 10.7.2000, p. 1.

⁽²⁾ EPPO (2014) *Pest risk analysis for Aromia bungii* (Analiżi tar-Riskju Fitosanitarju għal *Aromia bungii*). OEPP, Pariġi. Disponibbli fuq http://www.eppo.int/QUARANTINE/Pest_Risk_Analysis/PRA_intro.htm

- (9) Sabiex jiġi żgurat li l-pjanti speċifikati u l-injam speċifikat introdotti fl-Unjoni minn pajjiżi terzi huma ħielsa mill-organiżmu speċifikat, ir-rekwiżiti għall-introduzzjoni tagħhom mill-pajjiżi terzi fl-Unjoni għandhom ikunu simili għal dawk stabbiliti għaċ-ċaqliq ta' pjanti speċifikati u injam speċifikat miż-żoni demarkati għall-bqija tat-territorju tal-Unjoni.
- (10) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) "organiżmu speċifikat" tfisser *Aromia bungii* (Faldermann);
- (b) "pjanti speċifikati" tfisser pjanti għat-tħawwil, għajr iż-żrieragħ, li għandhom zokk jew għonq tal-għerq b'dijametru ta' 1 cm jew aktar fl-eħxen punt tagħhom, ta' *Prunus* spp. bl-eċċezzjoni ta' *Prunus laurocerasus* L.;
- (c) "injam speċifikat" tfisser injam skont it-tifsira tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2000/29/KE fejn dan ikun inkiseb kompletament jew parzjalment mill-pjanti speċifikati li ġejjin, kif elenkat fil-Parti II tal-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ⁽¹⁾:

Il-kodiċi NM	Deskrizzjoni
4401 12 00	Ħatab mhux koniferu, f'forma ta' z kuk, z kuk ħoxnin, friegħi, qatet ta' għesieleġ jew forom simili;
4401 22 00	Injam mhux koniferu, f'laqx jew fraq
4401 40	Serratura u skart u fdal tal-injam, mhux magħqudin ⁽¹⁾
4403 12 00	Injam mhux koniferu, għadu aħrax, trattat b'żebgħa, likwidu għat-tlewwin, krijożott jew preservattivi oħrajn, kemm jekk bil-qoxra jew bl-ilbieba mneħħija jew le, jew magħmul kwadru raff
ex 4404 20 00	Injam mhux koniferu, għaċ-ċrieki; arbli maqsumin; puntali, pali u bsaten tal-injam, bil-ponta iżda mhux isserrati mit-tul; bsaten tal-injam, mirqumin raff iżda mhux inturnati, milwijn jew maħdumin mod ieħor, tajbin għall-manifattura tal-bsaten tal-mixi, umbrelel, mankijiet tal-għodod jew bħalhom; injam magħmul minn laqx tal-injam (chipwood) u bħalu
4406	Travi tal-injam mimdudin (sleepers, cross-ties) għal-linji tal-ferrovija jew tat-tramm
4407 94	Injam taċ-ċirasa (<i>Prunus</i> spp.) isserrat jew imlaqqax mit-tul, imfellel jew imqaxxar, inċanat jew le, xkatlat jew imminċottat fit-truf, ta' ħxuna iktar minn 6 mm
4416 00 00	Btieti (casks, barrels, vats), tnelli u prodotti oħrajn ta' buttar u partijiet tagħhom, ta' injam, inklużi l-injam imqawwes (staves)
9406 10 00	Bini prefabbrikat tal-injam

⁽¹⁾ Applikat għal skart u fdal tal-injam, mhux magħqudin, ta' aktar minn 2,5 cm fi ħxuna u f'wisa.

- (d) "materjal tal-injam speċifikat għall-imbagg" tfisser materjal għall-imbagg miksub kollu jew parti minnu mill-pjanti speċifikati;
- (e) "post tal-produzzjoni" tfisser kwalunkwe post jew ġabra ta' għelieqi li jitħaddmu bħala unità ta' produzzjoni jew unità ta' biedja waħda, inklużi s-siti ta' produzzjoni li jiġu mmanijġġjati separatament għal finijiet fitosanitarji;

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

- (f) “operatur professjonali” tfisser kwalunkwe persuna involuta b'mod professjonali f'waħda jew aktar mill-attivitajiet li ġejjin li jikkonċernaw il-pjanti, il-prodotti tal-pjanti u l-materjal tal-injam għall-imballaġġ;
- tħawwil;
 - it-tniissil;
 - il-produzzjoni, inkluż it-*tkabbir*, it-*tkattir* u *ż-żamma*;
 - l-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni, u *ċ-ċaqliq* fih u lil hinn minnu;
 - *ħidma għad-disponibbiltà fis-suq*.

Artikolu 2

Il-projbizzjoni tal-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni tal-organiżmu speċifikat jew it-tixrid tiegħu fiha

L-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni tal-organiżmu speċifikat jew it-tixrid tiegħu fiha għandhom ikunu pprojbiti.

Artikolu 3

Is-sejba jew is-suspett tal-preżenza tal-organiżmu speċifikat

1. Kull persuna li tissuspetta jew issir taf bil-preżenza tal-organiżmu speċifikat għandha tinforma lill-korp uffiċjali responsabbli minnufih u tipprovdi bl-informazzjoni rilevanti kollha li tikkonċerna l-preżenza, jew preżenza suspettata, tal-organiżmu speċifikat.
2. Il-korp uffiċjali responsabbli għandu jirreġistra din l-informazzjoni minnufih.
3. Meta l-korp uffiċjali responsabbli jkun ġie infurmat bil-preżenza, jew preżenza suspettata, tal-organiżmu speċifikat, dan għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jikkonferma dik il-preżenza, jew il-preżenza suspettata.
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull persuna li jkollha fil-kontroll tagħha xi pjanti li għandhom imnejn ikunu infestati bl-organiżmu speċifikat tiġi avżata minnufih bil-preżenza jew bil-preżenza suspettata tal-organiżmu speċifikat, tingħata t-tagħrif dwar il-konsegwenzi possibbli u dwar ir-riskji, u dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu.

Artikolu 4

Stħarriġ dwar l-organiżmu speċifikat fit-territorji tal-Istati Membri

L-Istati Membri għandhom iwettqu stħarriġiet annwali dwar il-preżenza tal-organiżmu speċifikat fit-territorju tagħhom.

Dawn l-istħarriġiet għandhom jitwettqu mill-korp uffiċjali responsabbli, jew taħt is-supervizzjoni uffiċjali tal-korp uffiċjali responsabbli. Huma għandhom jikkonsistu minn eżamijiet viżivi u, fil-każ ta' xi suspett ta' infestazzjoni mill-organiżmu speċifikat, minn ġbir ta' kampjuni għall-identifikazzjoni tal-pest. Dawk l-istħarriġiet għandhom iqisu l-evidenza xjentifika u teknika disponibbli, il-bijoloġija tal-organiżmu speċifikat, il-preżenza u l-bijoloġija tal-pjanti suxxettibbli, u kwalunkwe tagħrif ieħor xieraq dwar il-preżenza tal-organiżmu speċifikat.

Artikolu 5

L-istipular ta' żoni demarkati

1. Meta l-preżenza tal-organiżmu speċifikat tkun ġiet ikkonfermata, l-Istat Membru kkonċernat minnufih għandu jiddemarka żona (“żona demarkata”) skont il-paragrafu 2.
2. Iż-żona demarkata għandha tkun magħmula minn żona infestata u żona ta' lqugħ.

Iż-żona infestata hija ż-żona fejn ġiet ikkonfermata il-preżenza tal-organiżmu speċifikat, u li fiha:

- (a) il-pjanti kollha magħrufa li huma infestati mill-pest ikkonċernat;

- (b) il-pjanti kollha li juru sinjali jew sintomi li jindikaw infestazzjoni possibbli minn dak il-pest;
- (c) il-pjanti l-oħra kollha li setgħu kienu jew ġew kontaminati jew infestati minn dak il-pest, inklużi pjanti li jistgħu jiġu infestati minħabba s-suxxettibilità tagħhom għal dak il-pest u peress li jinsabu qrib pjanti infestati, jew is-sors komuni ta' produzzjoni, jekk dan ikun magħruf, ma' pjanti infestati, jew pjanti mkabbra minnhom.

Iż-żona ta' lqugħ għandha tkun tal-wisa' ta' mill-inqas 2 km, madwar iż-żona infestata.

Id-delimitazzjoni eżatta taż-żona infestata u taż-żona ta' lqugħ għandha tkun ibbażata fuq prinċipji xjentifiċi tajbin, il-bijoloġija tal-organiżmu speċifikat, il-livell ta' infestazzjoni u t-tqassim tal-pjanti speċifikati u l-injam speċifikat fiż-żona kkonċernata.

F'każijiet fejn il-korp uffiċjali responsabbli jikkonkludi li l-qerda tal-organiżmu speċifikat hija possibbli skont l-Artikolu 6(1), b'kunsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi tat-tifqigħa, ir-riżultati ta' investigazzjoni speċifika jew l-applikazzjoni immedjata tal-miżuri għall-qerda, ir-raġġ taż-żona ta' lqugħ jista' jitnaqqas għal mhux inqas minn kilometru lil hinn mill-fruntiera taż-żona infestata.

3. Jekk il-preżenza tal-organiżmu speċifikat tiġi kkonfermata fiż-żona ta' lqugħ, id-delimitazzjoni taż-żona infestata u taż-żona ta' lqugħ għandha tiġi riveduta minnufih u mibdula kif xieraq.

4. Meta, abbażi tal-istħarriġiet imsemmija fl-Artikolu 4 u l-paragrafu 6(b) ta' dan l-Artikolu, l-organiżmu speċifikat ma jiġix identifikat f'żona demarkata għal perjodu ta' erba' snin konsekuttivi, din id-demarkazzjoni tkun tista' titneħħa. F'każijiet bħal dawn, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra.

5. L-Istati Membri ma għandhomx għalfejn jistabbilixxu żoni demarkati, kif previst fil-paragrafu 1, jekk waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin tiġi ssodisfata:

(a) hemm evidenza li l-organiżmu speċifikat ġie introdott fiż-żona ma' pjanti, injam jew materjal tal-injam għall-imballaġġ li ġew infestati qabel l-introduzzjoni tagħhom fiż-żona kkonċernata; u huwa aċċertat li ma hemm l-ebda stabbiliment tal-organiżmu speċifikat u li t-tixrid u t-trobbija tal-organiżmu speċifikat mhux possibbli minħabba l-bijoloġija tiegħu;

(b) hemm evidenza li l-preżenza tal-organiżmu speċifikat hija sejba iżolata, immedjatament assoċjata ma' pjanta, injam jew materjal tal-injam għall-imballaġġ speċifikat, li mhux mistenni jwassal għall-istabbiliment, u

huwa aċċertat li ma hemm l-ebda stabbiliment tal-organiżmu speċifikat u li t-tixrid u t-trobbija tal-organiżmu speċifikat mhux possibbli minħabba l-bijoloġija tiegħu.

Għall-finijiet tal-punt (b), għandhom jitqiesu r-riżultati ta' investigazzjoni speċifika u l-miżuri ta' eradikazzjoni. Tali miżuri jistgħu jikkonsistu fil-qtugħ bħala prekawzzjoni u r-rimi tal-pjanti speċifikati u tal-prodotti tal-pjanti u fil-qerda u r-rimi tal-materjal tal-injam għall-imballaġġ, wara li jkunu ġew eżaminati.

6. Fejn waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 5 hija ssodisfata, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri li ġejjin:

(a) miżuri immedjati sabiex tiġi żgurata l-eradikazzjoni fil-pront tal-organiżmu speċifikat u sabiex tiġi eskluża l-possibbiltà li jinxtered;

(b) is-sorveljanza regolari u intensiva matul il-perjodu li jkopri mill-inqas ċiklu wieħed tal-ħajja tal-organiżmu speċifikat u sena addizzjonali inkluża s-sorveljanza mill-inqas f'erba' snin konsekuttivi, fraġġ ta' mill-inqas kilometru madwar il-pjanti, l-injam jew il-materjal tal-injam għall-imballaġġ infestati, jew il-post fejn instab l-organiżmu speċifikat;

(c) il-qerda ta' kwalunkwe materjal tal-pjanti, injam jew materjal tal-injam għall-imballaġġ infestati;

(d) l-investigazzjoni tal-orijini tal-infestazzjoni bit-traċċar tal-pjanti jew tal-injam, jew tal-materjal tal-injam għall-imballaġġ sa fejn hu possibbli u l-eżaminazzjoni tagħhom għal kwalunkwe sinjal ta' infestazzjoni;

(e) attivitajiet li jrawmu s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar it-theddid li jġib miegħu dak l-organiżmu;

(f) kwalunkwe miżura oħra, li tista' tikkontribwixxi għall-eradikazzjoni tal-organiżmu speċifikat, billi jitqies l-istandard internazzjonali għall-miżuri fitosanitarji ("ISPM") Nru 9 u bl-applikazzjoni ta' approċċ integrat skont il-prinċipji stabbiliti fl-ISPM Nru 14.

Għall-finijiet tal-punt (d), l-eżaminazzjoni għandha tinkludi l-kampjunar distruttiv fil-mira.

Il-miżuri msemmija fil-punti minn (a) sa (f) għandhom jiġu ppreżentati taħt forma ta' rapport skont l-Artikolu 10(1)(a).

Artikolu 6

Miżuri ta' eradikazzjoni u trażżin

1. L-Istat Membru li jistabbilixxi ż-żona demarkata msemmija fl-Artikolu 5 għandu jadotta l-miżuri li ġejjin f'dik iż-żona:
 - (a) il-qtugħ immedjat tal-pjanti infestati u tal-pjanti b'sintomi kkawżati mill-organiżmu speċifikat, u t-tneħħija sħiħa tal-għerūq tagħhom jekk l-organiżmu speċifikat jinsab li jkun bejjet 'l isfel mill-għonq tal-għerūq tal-pjanta infestata;
 - (b) il-qtugħ tal-pjanti speċifikati kollha fi ħdan raġġ ta' 100 m madwar il-pjanti infestati u l-eżaminazzjoni ta' dawk il-pjanti speċifikati għal kwalunkwe sinjal ta' infestazzjoni;
 - (c) it-tneħħija, l-eżaminazzjoni u r-rimi sikur tal-pjanti maqtugħin skont il-punti (a) u (b) u tal-għerūq tagħhom fejn meħtieġ, kif ukoll l-eżaminazzjoni u r-rimi ta' prodotti tal-pjanti oħrajn u materjal tal-injam għall-imballaġġ ieħor;
 - (d) il-projbizzjoni ta' kwalunkwe ċaqliq ta' materjal potenzjalment infestat 'il barra miż-żona demarkata;
 - (e) l-investigazzjoni tal-orijini tal-infestazzjoni bit-traċċar tal-pjanti, tal-injam u tal-materjal tal-injam għall-imballaġġ ikkonċernat, sa fejn hu possibbli, u l-eżaminazzjoni tagħhom għal kwalunkwe sinjal ta' infestazzjoni;
 - (f) is-sostituzzjoni ta' pjanti speċifikati minn speċijiet oħrajn tal-pjanti, fejn xieraq;
 - (g) il-projbizzjoni li jitħawlu pjanti speċifikati ġodda fil-beraħ fiż-żona msemmija fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu, għajr għall-postijiet tal-produzzjoni msemmija fl-Artikolu 7(1);
 - (h) is-sorveljanza intensiva għall-preżenza tal-organiżmu speċifikat fuq l-ispeċi *Prunus* spp. b'attenzjoni speċifika fuq iż-żona tal-ilqugħ, li għandha tinkludi mill-inqas spezzjoni waħda kull sena.
 - (i) attivitajiet li jrawmu s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar it-theddid li jġib miegħu dak l-organiżmu u l-miżuri adottati biex dan ma jiddaħħalx fl-Unjoni u ma jinxteridx fiha, inklużi l-kundizzjonijiet dwar iċ-ċaqliq tal-pjanti speċifikati, tal-injam speċifikat u tal-materjal tal-injam speċifikat għall-imballaġġ miż-żona demarkata;
 - (j) fejn meħtieġ, miżuri speċifiċi li jindirizzaw kwalunkwe partikolarità jew kumplikazzjoni li raġonevolment tista' tkun mistennija li timpedixxi, ixxejjel, jew iddewwem l-eradikazzjoni, b'mod partikolari dawk marbuta mal-aċċessibilità u l-eradikazzjoni adegwata tal-pjanti kollha li jkunu infestati jew li jkun hemm suspett li jkunu infestati, ikunu fejn ikunu, ikunux tal-pubbliku jew tal-privat, jew tkun min tkun il-persuna jew l-entità li tkun responsabbli għalihom;
 - (k) kwalunkwe miżura oħra, li tista' tikkontribwixxi għall-eradikazzjoni tal-organiżmu speċifikat, billi jitqies l-ISPM Nru 9 u bl-applikazzjoni ta' approċċ integrat skont il-prinċipji stabbiliti fl-ISPM Nru 14.

Għall-finijiet tal-punt (a), fejn il-pjanti infestati ma nstabux fil-perjodu tat-tajran tal-organiżmu speċifikat, dawn għandhom jinqatgħu u jitneħħew qabel ma jibda l-perjodu tat-tajran li jkun imiss.

B'deroga mill-punt (b), fejn korp uffiċjali responsabbli jikkonkludi li l-qtugħ mhuwiex xieraq għal siġar individwali, minħabba l-valur soċjali, kulturali jew ambjentali partikolari tagħhom, l-Istat Membru li jkun stabbilixxa ż-żona demarkata għandu jiżgura li dawk il-pjanti speċifikati li ma għandhomx jinqatgħu huma soġġetti għal eżaminazzjoni individwali u regolari għal kwalunkwe sinjal ta' infestazzjoni u li jittieħdu miżuri ekwivalenti għall-qtugħ sabiex jiġi evitat kwalunkwe tixrid possibbli tal-organiżmu speċifikat minn dawk il-pjanti. Ir-rapport imsemmi fl-Artikolu 10 għandu jistabbilixxi r-raġunijiet għal dik il-konklużjoni u deskrizzjoni tal-miżuri.

Għall-finijiet tal-punt (c), għandhom jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa biex jiġi evitat it-tixrid tal-organiżmu speċifikat matul u wara l-qtugħ.

Għall-finijiet tal-punt (e), fejn l-eżaminazzjoni turi li l-pjanti speċifikati huma infestati, dawk il-pjanti għandhom jinqatgħu.

Għall-finijiet tal-punt (h), fejn xieraq, il-kampjunar distruttiv fil-mira għandu jitwettaq mill-korp uffiċjali responsabbli u l-għadd ta' kampjuni għandu jiġi indikat fir-rapport imsemmi fl-Artikolu 10(1).

Il-miżuri msemmija fil-punti minn (a) sa (k) għandhom jiġu ppreżentati taħt forma ta' rapport skont l-Artikolu 10(1).

2. Meta, għal perjodu ta' aktar minn erba' snin konsekuttivi, ir-riżultati tal-istħarriġiet imsemmi fl-Artikolu 4 ikunu kkonfermaw il-preżenza tal-organiżmu speċifikat f'żona, u f'każ li jkun hemm evidenza li l-organiżmu speċifikat ma jistax jiġi eradikat aktar, l-Istati Membri jistgħu jillimitaw il-miżuri biex l-organiżmu speċifikat jinżamm fi ħdan dik iż-żona.

F'dak il-każ, ir-raġġ taż-żona ta' lqugħ għandu jiżdied għal mhux inqas minn 4 km.

Miżuri bħal dawn għandhom jinkludu mill-inqas dan li ġej:

- (a) il-qtugħ immedjat tal-pjanti infestati u tal-pjanti b'sintomi kkawżati mill-organiżmu speċifikat, u t-tneħħija sħiħa tal-għeruq tagħhom jekk l-organiżmu speċifikat jinsab li jkun bejjet 'l isfel mill-għonq tal-għeruq tal-pjanta infestata;
- (b) it-tneħħija, l-eżaminazzjoni u r-rimi ta' pjanti maqtugħin u tal-għeruq tagħhom, bil-prekawzjonijiet kollha meħtieġa biex jiġi evitat it-tixrid tal-organiżmu speċifikat wara l-qtugħ;
- (c) il-projbizzjoni ta' kwalunkwe ċaqliq ta' materjal potenzjalment infestat 'il barra miż-żona demarkata;
- (d) fejn xieraq, it-tibdil tal-pjanti speċifikati bi pjanti oħra;
- (e) il-projbizzjoni li jitħawlu pjanti speċifikati ġodda fil-beraħ fiż-żona infestata msemmija fl-Artikolu 5, għajr għall-postijiet tal-produzzjoni msemmija fl-Artikolu 7(1);
- (f) is-sorveljanza intensiva għall-preżenza tal-organiżmu speċifikat fuq l-ispeċi *Prunus* spp. b'attenzjoni speċifika fuq iż-żona tal-ilqugħ, li għandha tinkludi mill-inqas spezzjoni waħda kull sena;
- (g) attivitajiet li jrawmu s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar it-tneħħid li jiġi miegħu l-organiżmu speċifikat u l-miżuri adottati biex dan ma jiddaħħalx fl-Unjoni u ma jinxteridx fiha, inklużi l-kundizzjonijiet dwar iċ-ċaqliq tal-pjanti speċifikati u tal-injam speċifikat miż-żona demarkata;
- (h) fejn meħtieġ, miżuri speċifiċi li jindirizzaw kwalunkwe partikolarità jew kumplikazzjoni li b'mod raġonevoli tista' tkun mistennija li timpedixxi, ixekkel, jew iddewwem it-trażżin, b'mod partikolari dawk marbuta mal-aċċessibbiltà u l-eradikazzjoni adegwata tal-pjanti kollha li jkunu infestati jew li jkun hemm suspett li jkunu infestati, ikunu fejn ikunu, ikunux tal-pubbliku jew tal-privat, jew tkun min tkun il-persuna jew l-entità li tkun responsabbli għalihom;
- (i) kwalunkwe miżura oħra, li tista' tikkontribwixxi għat-trażżin tal-organiżmu speċifikat;

Għall-finijiet tal-punt (a), fejn il-pjanti infestati ma nstabux fil-perjodu tat-tajran tal-organiżmu speċifikat, dawn għandhom jinqatgħu u jitneħħew qabel ma jibda l-perjodu tat-tajran li jkun immiss.

Għall-finijiet tal-punt (f), fejn xieraq, il-kampjunar distruttiv fil-mira għandu jitwettaq mill-korp uffiċjali responsabbli u l-għadd ta' kampjuni għandu jiġi indikat fir-rapport imsemmi fl-Artikolu 10(1).

Il-miżuri msemmija fil-punti minn (a) sa (i) għandhom jiġu ppreżentati taħt forma ta' rapport skont l-Artikolu 10(1).

Artikolu 7

Iċ-ċaqliq tal-pjanti speċifikati fi ħdan l-Unjoni

1. Il-pjanti speċifikati li joriġinaw ⁽¹⁾ f'żona demarkata jistgħu jiġu mċaqaqqa fl-Unjoni jekk magħhom ikollhom ukoll passaport tal-pjanti, li jkun imħejji u maħruġ skont id-Direttiva tal-Kummissjoni 92/105/KEE ⁽²⁾ u tkabbru għal perjodu ta' mill-inqas sentejn qabel iċ-ċaqliq jew, fil-każ ta' pjanti li jkunu iżgħar minn sentejn, ikunu tkabbru tul haġjithom kollha f'post tal-produzzjoni li jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 5.
2. Il-post tal-produzzjoni għandu jiġi rreġistrat skont id-Direttiva tal-Kummissjoni 92/90/KEE ⁽³⁾.
3. Il-post tal-produzzjoni għandu jkun ġie soġġett kull sena għal mill-inqas żewġ spezzjonijiet uffiċjali metikolużi mwettqa fil-mument xierqa u ma għandu juri l-ebda sinjal ta' infestazzjoni mill-organiżmu speċifikat. L-ispezzjoni għandha tinkludi l-kampjunar distruttiv fil-mira taz-zkuk u tal-friegħi tal-pjanti fil-każ ta' livell ogħla ta' suspett dwar il-preżenza tal-organiżmu speċifikat.
4. Il-post tal-produzzjoni:
 - (i) għandu jkollu protezzjoni fiżika sħiħa kontra l-introduzzjoni tal-organiżmu speċifikat jew

⁽¹⁾ Glossarju ta' Termini Fitosanitarji — Standard ta' Referenza tal-ISPM Nru 5 u ċertifikati Fitosanitarji — Standard ta' Referenza tal-ISPM Nru 12 mis-Segretarjat tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Protezzjoni tal-Pjanti, Ruma, 2013.

⁽²⁾ Id-Direttiva tal-Kummissjoni 92/105/KEE tat-3 ta' Diċembru 1992 li tistabbilixxi grad ta' standardizzazzjoni għal passaporti ta' pjanti biex jintużaw għaċ-ċaqliq ta' ċerti pjanti, prodotti ta' pjanti jew oġġetti oħra ġewwa l-Komunità, u li tistabbilixxi l-proċeduri dettaljati dwar il-ħruġ ta' passaporti simili u l-kondizzjonijiet u l-proċeduri dettaljati għall-bdil tagħhom (ĠU L 4, 8.1.1993, p. 22).

⁽³⁾ Id-Direttiva tal-Kummissjoni 92/90/KEE tat-3 ta' Novembru 1992 li twaqqaf l-obbligi li għalihom produttori u importaturi ta' pjanti, prodotti ta' pjanti u oġġetti oħra huma suġġetti u li twaqqaf dettalji għar-reġistrazzjoni tagħhom (ĠU L 344, 26.11.1992, p. 38).

- (ii) għandu jkun ġie soġġett għal trattamenti preventivi xierqa u l-kampjunar distruttiv fil-mira għandu jkun twettaq fuq kull lott ta' pjanti speċifikati qabel iċ-ċaqliq fil-livell stabbilit fit-tabella ta' hawn taħt; il-post tal-produzzjoni għandu jkun soġġett kull sena għal sfharriġiet uffiċjali fi ħdan raġġ ta' mill-inqas kilometru madwar is-sit fil-mumentu xierqa u ma għandu juri l-ebda sinjal ta' infestazzjoni.

In-numru ta' pjanti fil-lott	Il-livell ta' kampjunar distruttiv (in-numru ta' pjanti li għandhom jinquerdu)
1-4 500	10 % tad-daqs tal-lott
> 4 500	450

5. Riżomi li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-paragrafi 1 sa 4 jistgħu jitlaqqmu bi brokki li ma jkunux tkabbru skont dawn ir-rekwiżiti, iżda li ma jkunux ta' dijametru akbar minn 1 cm fl-eħxen punt tagħhom.

6. Il-pjanti speċifikati li ma joriġinawx f'żoni demarkati, iżda jiġu introdotti f'post tal-produzzjoni ftali żoni, jistgħu jiġu mċaqlaq fi ħdan l-Unjoni bil-kundizzjoni li dan il-post tal-produzzjoni jkun jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 2, 3 u 4 u jekk il-pjanti jkollhom passaport tal-pjanti magħhom biss, li jkun imħejji u maħruġ skont id-Direttiva 92/105/KEE.

7. Skont l-Artikolu 11, il-pjanti speċifikati li jkunu importati minn pajjiżi terzi fejn ikun magħruf li l-organiżmu speċifikat huwa preżenti, jistgħu jiġu mċaqlaq fl-Unjoni jekk magħhom ikollhom ukoll passaport tal-pjanti, li jkun imħejji u maħruġ skont id-Direttiva 92/105/KEE.

Artikolu 8

Ċaqliq fi ħdan l-Unjoni ta' injam speċifikat

1. Iċ-ċaqliq fi ħdan l-Unjoni ta' injam speċifikat li joriġinaw f'żona demarkata jew injam speċifikat li jkun għad għandu l-wiċċ sħiħ tiegħu jew parti minnu introdott f'żona demarkata għandu jkun ipprobit.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-injam speċifikat għajr dak fl-għamla ta' laqx, partiċelli, ċana, fdal tal-injam u skrapp li joriġinaw f'żona demarkata u l-injam speċifikat li jkun għad għandu l-wiċċ sħiħ tiegħu jew parti minnu, jista' jiġi mċaqlaq fi ħdan l-Unjoni jekk ikollu passaport tal-pjanti miegħu biss, li jkun imħejji u maħruġ skont id-Direttiva 92/105/KEE. Il-passaport tal-pjanti għandu jinħareġ biss jekk dak l-injam jissodisfa wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) tkun tneħħietlu l-qoxra u jkun sarlu trattament xieraq bis-sħana biex tinkiseb temperatura minima ta' 56 °C għal tul minimu ta' 30 minuta kontinwa fuq il-profil kollu tal-injam (inkluż fil-qalba tiegħu). Għandu jkun hemm evidenza tat-trattament bis-sħana permezz ta' marka "HT" li titpoġġa fuq l-injam jew fuq kwalunkwe tqartis skont l-użu kurrenti;

(b) ikun għadda minn irradijazzjoni jonizzanti xierqa sabiex tinkiseb doża assorbita minima ta' 1kGy tul l-injam kollu.

3. B'deroga mill-paragrafu 1, l-injam speċifikat fl-għamla ta' laqx, partiċelli, ċana, fdal tal-injam u skrapp, li joriġinaw f'żona demarkata, jista' jiġi mċaqlaq fi ħdan l-Unjoni jekk ikollu passaport tal-pjanti miegħu biss, li jkun imħejji u maħruġ skont id-Direttiva 92/105/KEE u jissodisfa waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) tkun tneħħietlu l-qoxra u jkun sarlu trattament xieraq bis-sħana biex tinkiseb temperatura minima ta' 56 °C għal tul minimu ta' 30 minuta kontinwa fuq il-profil kollu tal-injam (inkluż fil-qalba tiegħu);

(b) ikun ġie pproċessat f'biċċiet bi hxa u wisa' ta' mhux aktar minn 2,5 cm.

4. Fil-każ tal-paragrafi 2 u 3, jekk l-ebda faċilità tat-trattament jew tal-ipproċessar ma tkun disponibbli fi ħdan iż-żona demarkata, l-injam speċifikat jista' jiġi mċaqlaq biss fi ħdan l-Unjoni taħt kontroll uffiċjali, u taħt kundizzjonijiet magħluqa, biex jiġi żgurat li l-organiżmu speċifikat ma jkunx jista' jinxtered, lejn l-eqreb faċilità 'l barra miż-żona demarkata għall-finijiet ta' trattament immedjat jew l-ipproċessar skont il-paragrafi 2 jew 3.

Il-materjal ta' skart li jirriżulta mit-trattament jew l-ipproċessar imwettaq skont il-paragrafi 2 u 3 għandu jintrema b'tali mod li jkun żgurat li l-organiżmu speċifikat ma jkunx jista' jinxtered 'il barra miż-żona demarkata.

Il-korp uffiċjali responsabbli għandu jwettaq sorveljanza intensiva fil-mumentu xierqa għall-preżenza tal-organiżmu speċifikat permezz ta' spezzjonijiet fuq l-ispeċi *Prunus* spp. mill-inqas kilometru 'l bogħod minn dik il-faċilità tat-trattament jew tal-ipproċessar.

Artikolu 9

Ċaqliq fl-Unjoni ta' materjal tal-injam speċifikat għall-imballaġġ

1. Iċ-ċaqliq fl-Unjoni ta' materjal tal-injam speċifikat għall-imballaġġ li joriġina f'żona demarkata għandu jkun ipprobit.
2. B'deroga mill-paragrafu 1, iċ-ċaqliq ta' materjal tal-injam speċifikat għall-imballaġġ, li joriġina f'żona demarkata jista' jseħħ biss jekk il-materjal tal-injam speċifikat għall-imballaġġ jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
 - (a) jkun ġie soġġett għal wieħed mit-trattamenti approvati kif speċifikat fl-Anness I tal-Istandard Internazzjonali tal-FAO għall-Miżuri Fitosanitarji Nru 15 ⁽¹⁾ dwar ir-Regolamentazzjoni tal-materjal tal-injam għall-ippakkjar fil-kummerċ internazzjonali;
 - (b) juri marka kif speċifikat fl-Anness II ta' dak l-Istandard Internazzjonali tal-FAO għall-Miżuri Fitosanitarji Nru 15, li tindika li l-materjal tal-injam speċifikat għall-imballaġġ ikun ġie soġġett għal trattament fitosanitarju approvat skont dan l-istess Standard.
3. Jekk l-ebda faċilità tat-trattament ma tkun disponibbli fi ħdan iż-żona demarkata, il-materjal tal-injam speċifikat għall-imballaġġ jista' jiġi mċaqlaq biss taħt kontroll uffiċjali u f'kundizzjonijiet magħluqa, b'tali mod li jkun żgurat li l-organiżmu speċifikat ma jkunx jista' jinxtered, lejn l-eqreb faċilità tat-trattament 'il barra miż-żona demarkata għall-finijiet ta' trattament immedjat u l-immarkar skont il-paragrafu 2.

Il-materjal ta' skart li jirriżulta mit-trattament skont l-ewwel subparagrafu għandu jintrema b'tali mod li jkun żgurat li l-organiżmu speċifikat ma jkunx jista' jinxtered 'il barra minn żona demarkata.

Il-korp uffiċjali responsabbli għandu jwettaq sorveljanza intensiva fil-mumentu xierqa għall-preżenza tal-organiżmu speċifikat permezz ta' spezzjonijiet fuq l-ispeċi *Prunus* spp., fi ħdan raġġ ta' mill-inqas kilometru mill-faċilità tat-trattament.

Artikolu 10

Rapportar dwar stħarriġiet u miżuri

1. L-Istati Membri għandhom, sat-30 ta' April ta' kull sena, jikkomunikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn:
 - (a) rapport dwar l-istħarriġiet imwettqa matul is-sena kalendarja preċedenti, u miżuri li ttieħdu jew maħsubin biex jittieħdu f'dik is-sena skont l-Artikoli 4 sa 6, kif ukoll dwar ir-riżultati ta' dawk l-istħarriġiet u l-miżuri;
 - (b) lista aġġornata taż-żoni demarkati kollha stabbiliti skont l-Artikolu 5, inkluża informazzjoni dwar id-deskrizzjoni tagħhom u l-post b'mapep li juru d-delimitazzjoni tagħhom;
 - (c) f'każijiet fejn, skont l-Artikolu 5(5), l-Istati Membri jkunu ddeċidew li ma jistabbilixxux żona demarkata, data u raġunijiet ta' appoġġ.
2. Fejn iġġustifikat mill-iżvilupp tar-riskju fitosanitarju rispettiv, l-Istati Membri għandhom jadattaw l-istħarriġiet u l-miżuri rispettivi. Huma għandhom jikkomunikaw immedjatament dak l-adattament lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra.

Artikolu 11

Introduzzjoni fl-Unjoni ta' pjanti speċifikati li joriġinaw minn pajjiż terz fejn ikun magħruf li l-organiżmu speċifikat huwa preżenti

Il-pjanti speċifikati li joriġinaw minn pajjiżi terzi, fejn ikun magħruf li l-organiżmu speċifikat huwa preżenti, għandu jkollhom ċertifikat magħhom kif imsemmi fl-Artikolu 13(1)(ii) tad-Direttiva 2000/29/KE. Dak iċ-ċertifikat għandu jkun fih waħda mid-dikjarazzjonijiet li ġejjin taħt l-entrata "Dikjarazzjoni Addizzjonali":

- (a) li l-pjanti tkabbru tul ħajjithom kollha f'post tal-produzzjoni li huwa rreġistrat u ssorveljat mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-orijini u li jinsabu f'żona, li tkun ġiet stabbilita minn dik l-organizzazzjoni, skont l-Istandards Internazzjonali rilevanti għall-Miżuri Fitosanitarji, magħrufa bħala ħielsa mill-organiżmu speċifikat;
- (b) li l-pjanti tkabbru għal perjodu ta' mill-inqas sentejn qabel l-esportazzjoni jew, fil-każ ta' pjanti li jkunu iżgħar minn sentejn, li tkabbru tul ħajjithom kollha f'post tal-produzzjoni stabbilit bħala ħieles mill-organiżmu speċifikat, skont l-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji, u li l-kundizzjonijiet li ġejjin huma ssodisfati:
 - (i) li l-post tal-produzzjoni jkun irreġistrat u ssorveljat mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-orijini;

⁽¹⁾ Glossarju ta' Termini Fitosanitarji — Standard ta' Referenza tal-ISPM Nru 15 mis-Segretarjat tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Protezzjoni tal-Pjanti, Ruma, 2013.

- (ii) li l-post tal-produzzjoni jkun ġie soġġett kull sena għal mill-inqas żewġ spezzjonijiet uffiċjali metikolużi għal kwalunkwe sinjal tal-organiżmu speċifikat imwettqa fil-mumentu xierqa, u fejn ma jkun instab l-ebda sinjal tal-organiżmu;
- (iii) li l-post tal-produzzjoni jkollu protezzjoni fiżika sħiħa kontra l-introduzzjoni tal-organiżmu speċifikat, jew ikun ġie soġġett għal trattament preventiv xieraq u mdawwar b'żona ta' lqugħ b'raġġ ta' mill-inqas 4 km, fejn kull sena u fil-mumentu xierqa jitwettqu sħarriġiet uffiċjali għall-preżenza jew għas-sinjali tal-organiżmu speċifikat.
- (iv) li fejn instabet il-preżenza tal-organiżmu speċifikat jew instabu sinjali tiegħu, minnufih jittieħdu miżuri ta' eradikazzjoni biex iż-żona ta' lqugħ tkun mill-ġdid ħielsa mill-pest;
- (v) li immedjatament qabel l-esportazzjoni, il-kunsinni tal-pjanti kienu soġġetti għal spezzjoni uffiċjali metikoluża għall-preżenza tal-organiżmu speċifikat, b'mod partikolari fiz-zkuk u fil-friegħi ta' dawk il-pjanti. Din l-ispezzjoni kienet tinkludi kampjunar distruttiv fil-mira. Fejn il-kunsinni jinkludu l-pjanti li joriġinaw minn siti li fil-mument tal-produzzjoni tagħhom kienu jinsabu f'żona tal-ilqugħ, fejn instabet il-preżenza tal-organiżmu speċifikat jew instabu sinjali tiegħu, twestaq il-kampjunar distruttiv tal-pjanti ta' dik il-kunsinna fil-livell stabbilit fit-tabella li ġejja:

In-numru ta' pjanti fil-lott	Il-livell ta' kampjunar distruttiv (in-numru ta' pjanti li għandhom jinqerdu)
1-4 500	10 % tad-daqs tal-lott
> 4 500	450

- (c) li l-pjanti tkabbru minn riżomi li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-punt (b), imlaqqma bi brokki li jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:
 - (i) fil-mument tal-esportazzjoni, il-brokki mlaqqma ma jkunux ta' dijametru akbar minn ċentimetru fl-eħxen punt tagħhom;
 - (ii) il-pjanti mlaqqma jkunu ġew spezzjonati skont il-punt (b)(ii).

Għall-finijiet tal-punt (a), l-isem taż-żona għandu jissewma' taħt l-entrata "post tal-orijini".

Artikolu 12

Introduzzjoni fl-Unjoni ta' injam speċifikat li joriġina minn pajjiż terz fejn ikun magħruf li l-organiżmu speċifikat huwa preżenti

1. L-injam speċifikat għajr dak fl-għamla ta' laqx, partċelli, ċana, fdal tal-injam u skrapp li joriġina minn pajjiżi terzi, fejn ikun magħruf li l-organiżmu speċifikat huwa preżenti, għandu jkollu ċertifikat miegħu kif imsemmi fl-Artikolu 13(1)(ii) tad-Direttiva 2000/29/KE. Dak iċ-ċertifikat għandu jkun fih waħda mid-dikjarazzjonijiet li ġejjin taħt l-entrata "Dikjarazzjoni Addizzjonali":

- (a) l-injam joriġina f'żoni, stabbiliti mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż ta' oriġini skont l-Istandards Internazzjonali rilevanti għall-Miżuri Fitosanitarji, magħrufa li huma ħielsa mill-organiżmu speċifikat;
- (b) l-injam tkun tneħħietlu l-qoxra u jkun sarlu trattament xieraq bis-sħana biex tinkiseb temperatura minima ta' 56 °C għal tul minimu ta' 30 minuta kontinwa fuq il-profil kollu tal-injam, inkluż fil-qalba tiegħu;
- (c) l-injam ikun għadda minn irradjazzjoni jonizzanti sabiex tinkiseb doża assorbita minima ta' 1kGy tul l-injam kollu.

L-isem taż-żona msemmi fil-punt (a) għandu jissewma' taħt l-entrata "post ta' oriġini"

Għall-finijiet tal-punt (b), għandu jkun hemm evidenza tat-trattament bis-sħana permezz ta' marka "HT" li titpoġġa fuq l-injam jew fuq kwalunkwe tqartis, skont l-użu kurrenti.

2. L-injam speċifikat fl-għamla ta' laqx, partċelli, ċana, fdal tal-injam u skrapp li joriġina minn pajjiżi terzi, fejn ikun magħruf li l-organiżmu speċifikat huwa preżenti, għandu jkollu ċertifikat miegħu kif imsemmi fl-Artikolu 13(1)(ii) tad-Direttiva 2000/29/KE. Dak iċ-ċertifikat għandu jkun fih waħda mid-dikjarazzjonijiet li ġejjin taħt l-entrata "Dikjarazzjoni Addizzjonali":

- (a) l-injam joriġina minn żoni, stabbiliti mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż ta' oriġini, skont l-Istandards Internazzjonali rilevanti għall-Miżuri Fitosanitarji, magħrufa li huma ħielsa mill-organiżmu speċifikat;

- (b) l-injam tkun tneħħietlu l-qoxra u jkun sarlu trattament xieraq bis-sħana biex tinkiseb temperatura minima ta' 56 °C għal tul minimu ta' 30 minuta kontinwa fuq il-profil kollu tal-injam, inkluż fil-qalba tiegħu;
- (c) l-injam ikun ġie pproċessat f'biċċiet bi ħxuna u wisa' ta' mhux aktar minn 2,5 cm.

Għall-finijiet tal-punt (a), l-isem taż-żona għandu jissewma' taħt l-entrata "post tal-orġini"

Artikolu 13

Kontrolli uffiċjali bl-introduzzjoni fl-Unjoni ta' pjanti speċifikati u pjanti speċifikati li joriġinaw minn pajjiż fejn ikun magħruf li l-organiżmu speċifikat huwa preżenti

1. Il-kunsinni kollha ta' pjanti speċifikati u injam speċifikat introdotti fl-Unjoni minn pajjiż terz, fejn ikun magħruf li l-organiżmu speċifikat huwa preżenti, għandhom ikunu soġġetti għal kontroll uffiċjali metikoluż fil-punt tad-dħul fl-Unjoni jew fil-post ta' destinazzjoni stabbilit skont l-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/103/KE ⁽¹⁾.
2. Il-metodi ta' spezzjoni li jiġu applikati għandhom jiżguraw is-sejba ta' kwalunkwe sinjal tal-organiżmu speċifikat, b'mod partikolari fiz-zkuk u fil-friegħi tal-pjanti. Din l-ispezzjoni għandha tinkludi, fejn xieraq, il-kampjunar distruttiv fil-mira.

Artikolu 14

Il-konformità

L-Istati Membri għandhom jirrevokaw jew jemendaw il-miżuri li jkunu adottaw sabiex jiproteġu lilhom infushom kontra l-introduzzjoni u t-tixrid tal-organiżmu speċifikat sabiex jikkonformaw ma' din id-Deċiżjoni. Għandhom jinformat minnufih lill-Kummissjoni dwar dawk il-miżuri.

Artikolu 15

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Ottubru 2018.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/103/KE tas-7 ta' Ottubru 2004 dwar il-kontrolli tal-identità u s-saħħa tal-pjanti, prodotti tal-pjanti jew oġġetti oħra, elenkati f'Parti B tal-Anness V tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE, li jistgħu jiġu esegwiti f'post ieħor li mhuwiex il-punt tad-dħul fil-Komunità jew f'post ieħor fil-qrib u tispeċifika l-kundizzjonijiet li jirrigwardaw dawn il-kontrolli (ĠU L 313, 12.10.2004, p. 16).